Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 11/2013AE

**Clint Agius**

**vs**

**JF Security and Consultancy Services Limited**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Ir-rikorrent Clint Agius ressaq kaz quddiem it-Tribunal Industrijali u permezz ta' dikjarazzjoni datata 28 ta' Awissu 2009 ippremetta li fl-1 ta' Novembru 2006 kien gie mpjegat fuq kuntratt definit ta' hames (5) snin biex jaghti servizz ta' sigurta' gewwa l-Ajruport Internazzjonali mal-kumpanija ntimata. Madankollu fit-22 ta' Gunju 2009 l-impjieg gie tterminat. Ir-rikorrent isostni li t-terminazzjoni ma saritx ghal raguni valida peress li mhux biss ma nghata ebda raguni valida ghat-tkeccija izda lanqas biss inghata c-cans li jiddefendi lilu nnifsu.

Fir-risposta taghha[1] s-socjeta ntimata kkonfermat li r-rikorrent kien impjegat matul il-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2006 u t-22 ta' Gunju 2009. Spjegat li ghandha kuntratt mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta biex tipprovdi servizz ta' *Aviation Security* u li Agius gie ngaggat esklussivament sabiex jahdem bhala *Aviation Security Officer* mal-ajruport. Fit-22 ta' Gunju 2009 il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' fl-ajruport informa lill-kumpanija ntimata illi l-attitudni u l-komportament ta' Clint Agius fuq il-post tax-xoghol ma kienx kompatibbli mal-mod kif joperaw fl-ajruport u li nonostante diversi twissijiet li nghatawlu, Agius baqa' ma biddilx il-komportament tieghu. L-Ajruport Internazzjonali ta' Malta talab lill-kumpanija ntimata biex tibaghtilha *Aviation Security Officer* iehor minfloku. Wara laqgha li saret sabiex Agius iressaq il-kaz tieghu, dan sempliciment innega l-akkuzi u ma ressaq ebda prova kredibbli. Wara li l-kumpanija semghet iz-zewg verzjonijiet, iddecidiet li tittermina l-impjieg ta' Clint Agius.

Fil-21 ta' Frar 2013, it-Tribunal iddecieda li ma kienx hemm lok ta' kaz ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent u ghaldaqstant it-terminazzjoni tal-impjieg kienet ingusta u bi ksur tal-ligi. Dan wara li mill-evalwazzjoni tal-provi migjuba u tas-sottomissjonijiet li saru rrizulta li:-

i. Ghalkemm matul l-impjieg il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' fl-ajruport jghid li kien widdeb diversi drabi lir-rikorrent dwar il-komportament tieghu waqt il-qadi ta'

[1] Fol.4.

dmirijietu, mill-provi ma jirrizultax li dawn it-twissijiet gew moghtija lir-rikorrent;

ii. L-impjieg tar-rikorrent gie terminat wara li l-kumpanija ntimata rceviet korrispondenza minghand il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' gewwa l-ajruport li huma ma riedux aktar lir-rikorrent jahdem fl-ajruport minhabba li l-komportament tieghu kien imur kontra l-istandards tal-ajruport;

iii. Ir-rikorrent ma giex moghti akkuzi specifici tal-allegat nuqqasijiet tieghu, izda sempliciment li kellu nuqqasijiet li minhabba fihom il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ma riedux jahdem aktar fl-ajruport;

iv. *Senior Security Officer* tal-ajruport li tahtu kien jaqa' r-rikorrent, ikkonferma li r-rikorrent la qatt inghata twissijiet bil-miktub u lanqas verbalment u hu qatt ma kellu problemi mar-rikorrent. Huwa qal ukoll li wara t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' kien talbu jaghmillu rapport ta' dixxiplina dwar Agius pero' rrifjuta li jaghmlu.

It-Tribunal ordna lill-kumpanija ntimata biex thallas lir-rikorrent nofs 'il paga kollha li kien jircievi ghall-bqija tal-kuntratt skont il-ligi.

Il-kumpanija ntimata appellat mid-decizjoni tat-Tribunal u r-rikorrent wiegeb.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2015, deheru l-appellat u d-difensuri tal-partijiet u qablu li jirrimettu ruhhom ghall-atti tal-appell li thalla ghalhekk ghas-sentenza.

**<u>Preliminari</u>**.

Mill-atti jirrizulta li:-

i. Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013 it-Tribunal Industrijali ta decizjoni.

ii. Fit-8 ta' Marzu 2013 gie pprezentat l-appell.

Skond l-Artikolu 82(3) tal-Att dwar Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), appell ghandu jsir fi zmien tnax-il gurnata mid-data tad-decizjoni tat-Tribunal. Terminu li fil-kaz in ezami kien ghadda meta l-appellanti pprezentat ir-rikors tal-appell.

Materja li hi ta' ordni pubbliku u qeghda tigi sollevata *ex officio* mill-qorti.

Fil-kawza **Zwack-Wandrey v. In-Sight Ltd** deciza minn din il-Qorti[2] fis-6 ta' Ottubru, 2010, intqal hekk dwar in-natura tat-termini ghal appell:-

*"Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il- Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita ` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-*

[2] Imhallef P. Sciberras.

*kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi «l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula» ("***Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila***", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)". Ara "***Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority***", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007;*".

Fic-cirkostanzi l-appell tas-socjeta appellanti hu null.

**<u>L-aggravju tal-kumpanija appellanti.</u>**

F'kull kaz l-aggravju tal-appellanti hu wiehed, u cioe' illi t-Tribunal kien legalment skorrett meta naqas milli jikkonsidra l-pozizzjoni legali li sabu ruhhom fiha l-appellanti in kwantu li la huma kienu marbutin b'kuntratt ta' servizz provdut minnhom lill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u l-impjieg ta' Agius kien wiehed specifiku li jahdem fl-ajruport, la darba l-Ajruport Internazzjonali ma riedux li l-appellant ikompli jaghti s-servizz tieghu, l-appellanti *"ma setghux hlief per konsegwenza jitterminaw ix-xoghol"* tar-rikorrent.

B'kuntratt iffirmat fl-1 ta' Novembru 2006, l-appellat gie mpjegat mas-socjeta appellanti bhala *"Aviation Security Assistant to perform such other services and duties as may from time to time be designated by the employer"*. L-impjieg kien ghall-perjodu ta' hames (5) snin (fol. 76). Fi klawzola 1.1 tal-kuntratt jinghad:

*"The Company appoints the Employee and the Employee agrees to serve as Aviation Security Assistant at Malta International Airport plc"*.

Jirrizulta li fl-avviz li nghata lill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig, ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg kienet ***"Dismissed on disciplinary grounds"*** (fol. 28). Fit-twegiba li pprezentat quddiem it-Tribunal Industrijali (fol. 4) qalet li fit-22 ta' Gunju 2009 il-Kap tas-Sigurta' tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kien gharrafhom li: *"... l-attitudni u l-komportament ta' Clint Agius fuq ix-xoghol ma kienx kompatibbli mal-mod kif joperaw il-Malta International Airport. Wara diversi twissijiet li saru lil Agius mill-Head of Security Services tal-Malta International Airport, dan Agius baqa` ma bidilx il-komportament tieghu. Ghaldaqstant il-Malta International Airport talbet lil JF Security and Consultancy Services Ltd biex tibaghtilha Aviation Security Offier iehor minflok Agius, ghax taht l-ebda cirkostanza ma setghet il-Malta International Airport tittollera aktar lil dan Agius"* (fol. 4).

Pero' mill-provi hu altru milli evidenti li ma kienx hemm bazi biex l-appellat jitkecca mix-xoghol minhabba *disciplinary grounds*. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. Ix-xhud Peter Formosa[3] jghid li rcevew ilment minghand il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' fl-ajruport Mario Cuomo fejn talbu jnehhi lil Clint Agius mill-ajruport ghax dan ma kienx qed jagixxi b'mod kompatibbli mal-mod kif jopera l-ajruport[4].

ii. Wara li l-appellanti rcevew din it-talba minghand is-Sur Cuomo, ma saret l-ebda ndagni min-naha tas-socjeta appellanti sabiex jigi determinat jekk kienx hemm ragunijiet li jiggustifikaw it-terminazzjoni ta' mpjieg minhabba dixxiplina. Fil-fatt jirrizulta wkoll li t-terminazzjoni tal-impjieg sehhet fit-22 ta' Gunju 2009[5], cjoe' fl-istess data li fiha Cuomo ikkuntattja lil Formosa. Jirrizulta li fil-perjodu li hadem fl-ajruport qatt ma sar rapport dwaru bil-miktub jew b'mod ufficjali u wisq inqas ma gie mwissi ufficjalment jew inbdew xi proceduri ta' dixxiplina kontra tieghu. Mario Cuomo xehed: *"Clint Agius kien wiehed minn dawk il-ftit persuni li mhux darba jew tnejn kellna nibaghatu ghalih biex nippruvaw ingibuh in line. Jien nahseb jew minhabba fl-eta' tieghu ghax forsi kien immatur jew ma nafx, imma kien minn dak it-tip li per ezempju jiftiehem ma' xi hadd biex jaghmel change of duty u meta jmissu hu biex jidhol lill-persuna li ftiehem mieghu jirrapporta sick u dawn kienu jinqalghu hafna problemi ta' wara. Per ezempju kien jidhol tard… Dan mhux darba jew tnejn li tfacca ghax-xoghol fit-tmienja u nofs u fid-disgha meta dan jibda fis-sebgha"* (fol. 24). 'Il fatt li m'hemmx *warning* wiehed bil-miktub ma jhalli l-ebda dubju f'mohh il-qorti li Cuomo m'huwiex xhud kredibbli. Fil-fatt l-istess xhud f'seduta ohra ikkontradica dak li qal fl-ewwel seduta, meta ddeskriva n-nuqqasijiet tal-appellat bhala: "*affarijiet li fihom infushom huma nuqqasijiet imma mhux nuqqasijiet bizzejjed biex tohroglu warning. Affarijiet li jirritawk, mhux li huma kbar daqshekk*"[6].

iii. Sahansitra, wara li Agius tkecca mix-xoghol, Cuomo ghamel tentattiv biex jikkonvinci lil Stephen Brincat[7], ufficjal responsabbli minn Agius fl-ajruport, jaghmel rapport bil-miktub kontra Agius. Mid-deposizzjoni ta' Brincat jirrizulta li:-

- fil-konfront tal-appellat ma kienx hemm rapporti bil-miktub;
- Mario Cuomo kien litteralment ivvinta kaz kontra l-appellat li kien jahdem fl-istess shift ma' mpjegata ohra li kien iwassalha d-dar wara x-xoghol ghaliex ma kinitx issuq; *"Li kien qed jigri li peress li din it-tfajla kienet tigi u tmur ma' Clint ghax ma ssuqx, lili ghax bdew jahbtu mieghi bdiet tohloqli naqra ta' problema ghax jekk Clint jehodha leave hi ser tehodha sick"*. Wara xi zmien Brincat kien tkellem ma' Cuomo u talbu biex lil dawn iz-zewg haddiema ma jhallihomx fl-istess shift; *"Dan x'hin ghidtlu hekk iddecieda, qalli ibaghat email.* ***Bqajt iccassat qalli dan***

---

[3] Ufficjal tas-socjeta appellanti.

[4] Xhieda 4 ta' Marzu 2010 a fol 14 et seq.

[5] Skont l-avviz li nghata lil ETC (fol. 28).

[6] Xhieda 3 ta' April 2012 (fol. 64)

[7] Xhieda 18 ta' Ottubru 2011 (fol. 57).

***ma jigix 'l hawn. Ghidtlu isma' mhux l-argument ta' Clint. Mhux Clint l-argument jew l-ohra. Ghidtlu ghax jien la ghandi xi ngerger minn Clint u lanqas ghandi xi ngerger mill-ohra. Jien qed nghidlek biss li dawn jigu separati ghal din ir-raguni".*** Jidher li Cuomo ma bidilx fehemtu. Sahansitra biex jiggustifika l-agir tieghu ipprova johloq provi li ma kienux jezistu. Brincat xehed li Cuomo kien kellmu u: *"… qalli ghandi bzonn rapport minghandek. Qalli ghamilli giex kelmiet inzommuha bejnietna ta' Clint li int gieli gbidtlu l-attenzjoni u hekk. Jien qbadt nidhak…. Ghidtlu jekk inti trid rapport ghamel rapport wiehed, qabbad l-officers kollha jiffirmawlek u l-ahhar wiehed li niffirma nkun jien. Ghidtlu l-bqija mhux se naghmel rapport".* Verzjoni li ma gietx kontradetta.

iv. F'dan ix-xenarju m'hemmx dubju li l-verzjoni ta' Cuomo ma tistax titqies bhala kredibbli u ma kienx hemm bazi biex l-appellat jitkecca bhala mizura ta' dixxiplina. Id-difensur tal-appellanti fit-trattazzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali, qal: *"…. fic-cirkostanzi l-conduct tieghu altru milli kien jimmerita li jigi mkecci, dan gabha b'idejh u dan mhux si tratta ta' perjodu li kien relattivament qasir ….. ahna qeghdin insostnu li t-tkeccija kuntrarjament ghal dak li qed ighidulna n-naha l-ohra kienet wahda altru milli gustifikata ghax min igib ruhu b'dak il-mod fuq ix-xoghol bl-aktar mod xellerat, dik ha tkun il-konsegwenza li l-impjieg tieghu ha jigi terminat"* (fol. 84). L-apprezzament tal-provi irid isir mit-Tribunal[8]. F'kull kaz pero' t-tezi tal-appellanti m'hijiex sorretta minn provi konkreti. Li rrizulta bla dubju hi n-nuqqas ta' serjeta ta' Cuomo, li wara li ddecieda li ma riedx li l-appellat ikompli jahdem fl-ajruport ipprova jibni kaz mix-xejn f'tentattiv iddisprat biex jiggustifika d-decizjoni li kien ha. Agir li wassal biex l-appellat tilef l-impjieg.

Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li gialadarba l-appellat twaqqaf minn ufficjal tal-ajruport milli jkompli jirrapporta ghax-xoghol kienet gustifikata li titterminalu l-impjieg, il-qorti tosserva:-

i. Ir-raguni li tat l-appellanti ghat-terminazzjoni tal-impjieg hi *disciplinary grounds*. Raguni li baqghet issostni fil-kors tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali. F'dan l-istadju ppproponiet argument differenti.

ii. Sabiex jigi terminat impjieg b'terminu ta' ngagg fiss minghajr l-obbligu li jsir il-hlas kontemplat fl-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452, irid ikun hemm *good and sufficient cause* ghat-tkeccija (Artikolu 36(14)). Is-socjeta appellanti tippretendi li gialadarba l-

---

[8] **Vivienne Theuma vs Sterling Security Company Limited** deciza minn din il-qorti (Imhallef P. Sciberras) fit-3 ta' Ottubru 2008: *F'aktar minn okkazjoni wahda l-Qorti ma naqsitx milli tfakkar u tissottolineja l-principju kardinali illi l-punt ta' ligi ghal liema hu ammissibbli l-appell irid ikun fis-sens li jkun sodisfacentement muri li tezisti applikazzjoni falza u errata ta' xi punt ta' dritt sostanzjali u mhux ghaliex it-Tribunal ikun malament ezamina u ddecieda l-fatti. Ara sa recentement hafna s-sentenza fl-ismijiet "**Kenneth Vella - vs- Seabank Catering Co. Ltd**", pronunzjata fit-23 ta' Mejju, 2008;*

amministrazzjoni tal-ajruport ma riditx lill-appellat jahdem hemm, is-socjeta ma kellhiex iktar bzonnu peress li mpjegatu biex jahdem fl-ajruport. Il-qorti tifhem li *good and sufficient cause* sabiex principal ikecci impjegat u ma jatihx hlas[9], ghandha tkun raguni mputabbli ghal nuqqas min-naha tal-impjegat. Klawzola 9.2 tal-kuntratt ta' mpjieg tipprovdi: "*The employer may dismiss the employee and terminate this contract of service without incurring into any liability whatsoever if there is a good and sufficient cause thereof*", u mbaghad isemmi ezempji ta' *good and sufficient cause* li kollha jirrelataw ghal nuqqasijiet tal-impjegat (fol. 79). F'dan il-kaz zgur li ma kienx hemm nuqqasijiet min-naha tal-appellat li jaghtu lok ghal *good and sufficient cause* biex jitkecca mill-impjieg. Dak li gara kien rizultat ta' kapricc ta' haddiehor. Agir li zgur m'ghandux itellef lill-impjegat mill-jedd li tatih il-ligi.

iii. F'kull kaz ghalkemm hu minnu li fil-kuntratt ta' impjieg jinghad li l-appellat kellu jahdem bhala "*Aviation Security Assistant at Malta International Airport plc*", madankollu l-kuntratt ighid ukoll li l-appellat kellu jahdem xoghol iehor li seta' nghata mill-principal. M'hemmx prova li sar xi tentattiv biex l-appellat jinghata dmirijiet ohra. Il-prova li hemm hi li s-socjeta appellanti kienet pronta tterminat l-impjieg tal-appellat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell ghaliex:-**

**i. Hu null peress li gie pprezentat *fuori termine*.**
**ii. F'kull kaz l-aggravju hu nfondat ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq.**

**Spejjez kontra s-socjeta appellanti.**

Anthony Ellul.

[9] Irrispettivament huwiex ghal zmien definit jew indefinit. F'kaz ta' kuntratt definit, jekk hemm good and sufficient cause ghat-terminazzjoni tal-impjieg, l-impjegat ma jkollux jedd ghall-hlas ta' nofs il-paga li kien jircievi ghall-kumplament tat-terminu ta' impjieg.